## Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur

Brady Farrugia

vs

Natalino Farrugia - General Automotion Services

CCT 199/20/MS

26 ta' Jannar 2022

It-Tribunal,

Ra l-avviz tar-rikorrent prezentat fit-23 ta' Dicembru 2020 fejn talab ir-rifuzjoni ta' elf Euro, parti minn prezz ta' bieb ta' garage mixtri minghand l-intimat/azjenda intimata, liema bieb ma gietx installata skond is-sengha u l-arti peress illi l-plastic protettiv ma tnehhix u l-azjenda intimata ma avzatx lir-rikorrent illi dan kellu jitnehha fi zmien stipulat.

Ra r-risposta tal-azjenda intimata fejn cahdet it-talba tar-rikorrenti u qalet illi l-klijent kien gie avzat biex inehhi l-plastic protettiv fi zmien tlett xhur u kien il-klijent stess illi nesa li jaghmel hekk.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi f'Settembru 2018, ir-rikorrent xtara zewg bibien tal-garaxx minghand l-azjenda intimata. Ftit iktar minn sena wara l-installazzjoni ir-rikorrent induna li l-plastic protettiv li kien imwahhal mal-bieb beda jingema' l-hmieg. Ir-rikorrent spjega li l-plastic protettiv ikun kwazi invisibbli ghall-ghajn u li huwa prova jaqilghu. Fil-fatt, f'bieb minnhom irnexxilu jnehhi l-plastic bla problemi ta' xejn, pero' l-iehor ma setax inehhih u sab diffikulta ghaliex il-plastic beda jitfarrak f'bicciet zghar. Prova jsib soluzzjoni inkluz minghand nies tas-sengha pero' meta ma

rnexxilux ghamel kuntatt mal-azjenda intimata, spjega x'kien gara u staqsa ghaliex f'bieb minnhom kien irnexxielu jnehhi l-plastic mentri fl-iehor ma setax. Skond ir-rikorrent dan kien ifisser li l-bieb kien difettuz. Ir-rikorrent jghid li qatt ma gie infurmat illi l-plastic kellu jinqala f'temp ta' tlett xhur. Ir-rikorrent qed jitlob li jinghata rimedju ghat-tnehhija ta' dan il-plastic u fin-nuqqas sabiex il-bieb jinbidel kompletament a spejjes tal-azjenda intimata.

Illi min-naha l-ohra, fl-avviz tieghu, l-intimat ikkonferma illi saret installazjoni ta' zewg bibien hdejn xulxin fi Triq San Pietru Hal-Kirkop fit-2 ta' Lulju 2018. Qal illi l-materjal jigi fornit bi plastic protettiv li ghandu jinqala' mhux aktar tard minn tlett xhur minn meta jigi espost ghax-xemx. L-intimat jghid illi huma dejjem jinfurmaw il-klijenti biex inehhu l-plastic u whud minnhom jaghzlu li ma jaqilghux il-plastic peress illi ikun ghad jonqoshom jaghmlu xi xogholijiet fil-faccata biex kemm jista' jkun ma jsirx hsara fiz-zebgha tal-bieb. L-intimat jghid illi fil-kaz prezenti, meta l-bibien gew installati, l-bankina tat-triq ma kenitx ghadha lesta pero' l-klijent xorta ried l-installazjoni ghaliex minghajr il-bieb ma setax japplika ghal compliance certificate ghad-dawl. Qal ukoll illi r-rikorrent xtaq il-bieb biex ikun jista' jpoggi xi affarijiet fil-garaxx.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent jikkontendi illi l-installazzjoni tal-bieb ma saritx skond is-sengha u l-arti u li t-tnehhija tal-plastic kellha ssir mill-azjenda intimata u li din tal-ahhar naqset milli tavzah biex inehhi l-plastic u hallewh hemm, minghajr l-ebda spjegazzjoni. Skond ir-rikorrent, huwa nehha l-plastic miz-zewg bibien fl-istess gurnata, u f'wiehed minnhom sab diffikulta u dan ifisser illi l-bieb kien difettuz.

L-intimat Natalino Farrugia qal illi l-panels kollha jigu bi protezzjoni tal-plastic sia fuq naha ta' barra u fuq in-naha ta' gewwa u dan jinqala' mill-klijenti sakemm ma jintalbux jaghmluha huma. Xehed illi dan ghandu jsir fi zmien xahrejn u li huma dejjem jinfurmaw il-klijenti biex inehhu l-plastic. Qal ukoll illi l-plastic ikun ben vizibbli spjecjalment mit-trufijiet.

Ikkunsidra

It-Tribunal ghandu quddiemu zewg versjonijiet konfliggenti - dik tar-rikorrent illi hu qatt ma gie infurmat illi kellu jitnehha l-plastic fi zmien stipulat, u dik tal-intimat li r-rikorrent kien infurmat illi kellu jnehhi l-plastic u li kienu anke offrewlu biex jaqilghuh. Fil-fehma tieghu ghalkemm entrambe jistghu jkunu plawsibbli, jibqa' l-fatt illi r-rikorrent dam iktar minn sena u nofs sakemm ghamel kuntatt mal-azjenda intimata u dan inaqqas mill-verosimiljanza tal-versjoni tar-rikorrent. Fil-fatt, hareg mill-provi illi kien jaf li kien hemm dan il-plastic protettiv izda ghal xi raguni ghogbu ihallih hemm ghal iktar minn sena. Dan jikkorobora l-versjoni tal-intimat, u cjoe' li kien ir-rikorrent illi ghazel li jzomm il-plastic ghal ragunijiet tieghu. Ghalkemm huwa minnu illi r-rikorrent irnexxielu jaqla l-plastic f'bieb wiehed u mhux fl-iehor, ma jfissirx b'daqshekk illi dan il-bieb l-iehor huwa difettuz. Ir-rikorrent qatt ma qal illi l-bieb ma jahdimx jew li hemm problema fl-operat tieghu. Jidher illi l-problema hija biss kosmetika u l-argument illi l-bieb ma giex installat skond is-sengha u l-arti ma jreggix. Li kieku din grat fil-perjodu ta' xahrejn jew tlieta, ir-rikorrent forsi kien ikollu ragun, pero' tenut kont tat-trapass taz-zmien, it-Tribunal ihoss illi r-rikorrent ma ppruvax it-talba tieghu.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjes kontra tieghu.

Av. Michela Spiteri
Arbitru